IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KUMMERĊ

Brussell, it-30 ta' Jannar 2018

# AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

## IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAD-DWANA U TAT-TASSAZZJONI INDIRETTA

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat ta' ħruġ [1] li jistabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-irtirar").[2] Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"[3].

It-tħejjija għall-irtirar mhijiex biss kwistjoni għall-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fid-dawl tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali ta' ħruġ, l-operaturi ekonomiċi huma mfakkra dwar ir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz[4].

Soġġett għal kwalunkwe arranġament tranżitorju li jista' jkun inkluż fi ftehim ta' ħruġ eventwali , b'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE fil-qasam tad-dwana (ara hawn taħt,

---

[1] Għaddejjin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim ta' rtirar.

[2] Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati ma jibqgħux japplikaw f'data aktar tard.

[3] Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

[4] Għal moviment ta' merkanzija/oġġetti li jkun beda qabel u li jintemm fid-data tal-ħruġ jew wara, l-UE timpenja ruħha li tilħaq qbil dwar soluzzjonijiet mar-Renju Unit fil-ftehim ta' ħruġ abbażi tal-pożizzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet relatati tad-Dwana meħtieġa għall-ħruġ ikkontrollat tar-Renju Unit mill-Unjoni ( https://ec.europa.eu/commission/publications/position-paper-customs-related-matters-needed-orderly-withdrawal-uk-union_en ). Id-dokument ta' pożizzjoni jindirizza wkoll il-proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva fid-data tal-ħruġ jew wara bejn l-UE-27 u r-Renju Unit dwar fatti li jkunu seħħew qabel id-data tal-ħruġ (pereżempju, assistenza reċiproka relatata mal-kontrolli ta' provi ta' oriġini).

Taqsima 1) u t-tassazzjoni indiretta (VAT u dazji tas-sisa — ara hawn taħt, Taqsima 2) ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit[5].

Dan b'mod partikolari għandu l-konsegwenzi li ġejjin b'seħħ mid-data tal-ħruġ[6]:

## 1. ID-DWANA

- Il-merkanzija li tkun iddaħħlet fit-territorju doganali tal-UE mir-Renju Unit jew li tkun se tinħareġ 'il barra minn dak it-territorju għat-trasport lejn ir-Renju Unit, hija soġġetta għal superviżjoni doganali u tista' tkun soġġetta għal kontrolli doganali skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tat-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[7]. Dan jimplika *inter alia* li l-formalitajiet doganali japplikaw, li d-dikjarazzjonijiet iridu jiġu ppreżentati u li l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jitolbu garanziji għal dejn doganali potenzjali jew eżistenti.

- Il-merkanzija li ddaħħlet fit-territorju doganali tal-UE mir-Renju Unit hija soġġetta għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[8]. Dan jimplika l-applikazzjoni tad-dazji doganali rilevanti.

- Xi merkanzija li tidħol fl-UE li tkun ġejja mir-Renju Unit jew li qed titlaq mill-UE lejn ir-Renju Unit hija soġġetta għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika, ta' protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' bnedmin, annimali jew pjanti, jew tal-protezzjoni ta' teżori nazzjonali[9].

- Awtorizzazzjonijiet li jagħtu l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO) u awtorizzazzjonijiet oħra għal simplifikazzjonijiet doganali, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fit-territorju doganali tal-Unjoni.

- IL-merkanzija li toriġina fir-Renju Unit li hija inkorporata f'merkanizja esportata mill-UE lejn pajjiżi terzi mhux se tibqa' tikkwalifika bħala "kontenut tal-UE" għall-finijiet tal-Politika Kummerċjali Komuni tal-UE. Dan jaffettwa l-kapaċità tal-esportaturi tal-UE li jagħmlu akkumulazzjoni mall-oġġetti li joriġinaw fir-Renju Unit u jista' jaffettwa l-applikabbiltà ta' tariffi preferenzjali maqbula bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

---

5 Din in-nota ma tindirizzax il-kwoti ħielsa mit-taxxa u d-dwana li japplikaw għall-oġġetti fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi li jidħlu fl-UE.

6 L-elenkar juri xi konsegwenzi importanti fil-qasam tad-dwana u tat-tassazzjoni indiretta minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni iżda mhuwiex maħsub li jkun eżawrjenti.

7 ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

8 ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

9 Lista b'tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet hija ppubblikata fuq is-sit web tad-DĠ TAXUD u tista' tinstab hawnhekk: https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/prohibition_restriction_list_customs_en.pdf

## 2. IT-TASSAZZJONI INDIRETTA (VAT U DAZJI TAS-SISA)

- Il-merkanzija li tidħol fit-territorju tal-VAT tal-UE mir-Renju Unit jew li hija kkonsenjata jew ittrasportata mit-territorju tal-VAT tal-UE lejn ir-Renju Unit se tiġi ttrattata rispettivament bħala importazzjoni jew esportazzjoni ta' merkanzija skont id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT")[10]. Dan ifisser l-imposizzjoni tal-VAT fuq l-importazzjonijiet, filwaqt li l-esportazzjonijiet huma eżentati mill-VAT.

- Persuni taxxabbli li jixtiequ jagħmlu użu minn waħda mill-iskemi speċjali fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT (l-hekk imsejħa "Mini One-Stop Shop", jew MOSS), li jipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi ta' xandir jew servizzi elettroniċi lil persuni mhux taxxabbli fl-UE, se jkollhom jiġu rreġistrati għall-MOSS fi Stat Membru tal-UE.

- Persuni taxxabbli stabbiliti fir-Renju Unit li jixtru oġġetti u servizzi jew li jimportaw oġġetti soġġetti għall-VAT fi Stat Membru tal-UE li jixtiequ jitolbu rifużjoni ta' dik il-VAT ma jistgħux aktar idaħħlu fajl b'mod elettroniku skont id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE[11] imma jridu jippreżentaw pretensjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 86/560/KEE[12]. L-Istati Membri jistgħu jissoġġettaw ir-rifużjonijiet skont id-Direttiva msemmija għar-reċiproċità.

- Kumpanija stabbilita fir-Renju Unit li twettaq tranżazzjonijiet taxxabbli fi Stat Membru tal-UE tista' tiġi mitluba minn dak l-Istat Membru biex taħtar rappreżentant tat-taxxa bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT skont id-Direttiva tal-VAT.

- Il-moviment ta' merkanzija li tidħol fit-territorju tas-sisa tal-UE mir-Renju Unit jew li hija kkonsenjata jew ittrasportata mit-territorju tas-sisa tal-UE lejn ir-Renju Unit se tiġi ttrattata rispettivament bħala importazzjoni jew esportazzjoni ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa[13]. Dan jimplika, *inter alia*, li s-Sistema Kompjuterizzata tal-Movimenti u tal-Kontrolli intrakomunitarji ta' prodotti soġġetti għas-sisa (EMCS) waħedha mhux se tibqa' tkun applikabbli -għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa li ghandhom id-dazju tas-sisa sospiż għall-moviment mill-UE lejn ir-Renju Unit, iżda dawn il-movimenti se jiġu trattati bħala esportazzjonijiet, meta tintemm is-superviżjoni tas-sisa fil-post tal-ħruġ mill-UE. Għalhekk il-movimenti ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa lejn ir-Renju Unit se jeħtieġu dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, kif ukoll dokument amministrattiv elettroniku (e-AD). Il-movimenti ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa mir-Renju Unit lejn l-UE jridu

---

[10] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor (ĠU L 44, 20.2.2008, p. 23).

[12] It-Tlettax-il Direttiva tal-Kunsill 86/560/KEE tas-17 ta' Novembru 1986 fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq id-dħul minn negozju – Arranġamenti għar-rifond tat-taxxa fuq il-valur miżjud lil persuni taxxabbli li ma humiex stabbiliti fit-territorju tal-Komunità (ĠU L 326, 21.11.1986, p. 40).

[13] ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.

jiġu rilaxxati minn formalitajiet doganali qabel ma jkun jista' jinbeda moviment skont is-sistema kompjuterizzata tal-movimenti u tal-kontrolli intrakomunitarji ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa, l-EMCS.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni u l-unjoni doganali (https://ec.europa.eu/taxation_customs/index_en) u dwar il-kummerċ barrani (http://ec.europa.eu/trade/import-and-export-rules/) jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar ir-regoli li japplikaw bħalissa fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal- merkanzija. Il-paġni rilevanti se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, kull meta disponibbli.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ